31990D0674

L 372/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.12.1990

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tad-19 ta' Novembru 1990
## dwar l-ilħuq tal-Ftehim illi jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp

(90/674/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi l-poplu ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant għandhom irbit storiku mill-qrib mal-poplu tal-Komunità;

Billi dan l-irbit għandu jiġi msaħħaħ bi ftehim għall-koperazzjoni u s-sengħa;

Billi l-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant huma kommessi lejn il-prinċipji fondamentali tad-demokrazzjoni multipartitali, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet umani;

Billi dawn il-pajjiżi għandhom ir-rieda illi jimplimentaw riformi sabiex jevolvu lejn ekonomiji orjentati lejn is-suq;

Billi r-riformi ekonomiċi ser jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-iżvilupp vigoruż tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn dawk il-pajjiżi u l-Komunità; u

Billi dan ser igħin fil-promozzjoni, fil-Komunità kollha, ta' żvilupp armonjuż fl-attivitajiet ekonomiċi;

Billi t-transizzjoni lejn ekonomiji orjentati lejn is-suq ser jitolbu investiment konsiderevoli sabiex l-għan prinċipali prinċiparjament fis-settur privat iżda wkoll fis-settur pubbliku;

Billi l-istabbiliment ta' bank speċjali jista' jagħti għajnuna permezz ta' l-ogħti tal-finanzi meħtieġa għal dan l-investiment;

([1]) ĠU C 284, 12.11.1990

Billi 40 pajjiż, flimkien mal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Bank Ewropew ta' l-Investiment, urew l-intenzjoni tagħhom illi jsiru membri tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp li huwa Ewropew fin-natura bażika tiegħu u largament internazzjonali fis-sħubija illi hemm fih;

Billi huma stabbilixxew Artikolu ta' Ftehim għal dak il-għan;

Billi l-ilħuq tal-Ftehim mill-Komunità Ekonomika Ewropea huwa meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet tal-Komunità fl-oqsma tar-relazzjonijiet ekonomiċi esterni; Billi t-Trattat ma jipprovdix, għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, poteri differenti minn dawk fl-Artikolu 235,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim li jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp qiegħed hawnhekk jiġi approvat f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Gvernatur u l-Gvernatur Alternanti tal-Bank illi jirrappreżentaw lill-Komunità taħt l-Artikolu 23(1) tal-Ftehim għandhom ikunu maħturin mill-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni għandha tinnomina, f'isem il-Komunità, l-istituzzjoni illi għandha taġixxi bħala depożitarju taħt l-Artikolu 34(1) ta' l-Artikolu ta' Ftehim.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun l-entità uffiċjali li magħha l-Bank għandu jikkomunika kif stabbilit fl-Artikolu 34(2) fl-Artikoli ta' Ftehim.

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill għandu jiddepożita, f'isem il-Komunità, l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 61 ta' l-Artikoli ta' Ftehim.

*Artikolu 5*

Din id-Deċizjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (1).

Magħmul fi Brussel, 19 Novembru 1990.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. CARLI

(1) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim se tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.